



11.10.2018

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG)  
(COM(2018)0380 – C8-0231/2018 – 2018/0202(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Karoline Graswander-Hainz

PA\_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

### Introduzzjoni

Dan l-aħħar, il-kummerċ m'għadux biss sinonimu mal-globalizzazzjoni, iżda sar ukoll sors ewlieni ta' tħassib fost il-pubbliku. Il-ftehimiet kummerċjali riċenti m'għadhomx jiffukaw biss fuq il-ħolqien ta' regoli li jappoġġjaw il-ftuħ tas-suq. Minflok, dawn inkorporaw kwistjonijiet relatati mal-kummerċ, bħall-investment u d-drittijiet ta' proprjetà intellettuali. B'riżultat ta' dan, il-ftuħ tas-suq globali sar marbut mill-qrib mal-investment, mal-flussi ta' kapital u mal-liberalizzazzjoni finanzjarja, u l-effetti kummerċjali nfirxu fi kwistjonijiet relatati max-xogħol, l-ambjent, u l-bidla teknoloġika.

Anki jekk il-letteratura ekonomika tikkonkludi li r-riżultati ġenerali tal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ huma pożittivi, xi setturi huma affettwati negattivament, li jwasslu għal spejjeż ta' aġġustament, degradazzjoni tad-dħul u telf ta' impjegi. Ir-realtà turi li dejjem ikun hemm rebbieħa u telliefa, u li l-qligħ mill-kummerċ mhuwiex imqassam indaq̄s fost l-Istati Membri, ir-reġjuni u fis-soċjetajiet. Il-kummerċ mhux regolat u iṅust aggrava l-inugwaljanzi soċjali, ekonomiċi u ambjentali.

Miżuri ta' sostenn fl-UE u fil-livell nazzjonali huma meħtieġa sabiex jipprevjenu l-effetti negattivi u biex jikkompensaw b'mod adegwat dawk li sofrew dannu mill-kummerċ jew mill-globalizzazzjoni. Distribuzzjoni ġusta tal-ġid, partikolarment fost dawk li jinsabu f'sitwazzjoni agħar, tista' tintlaħaq biss jekk il-miżuri jidħlu fis-seħħ kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali. S'issa, il-gvernijiet nazzjonali għamlu f'tit wisq biex jiżguraw il-benefiċċji ta' kummerċ għal kulħadd. Ir-ridistribuzzjoni, l-awtonomizzazzjoni permezz tal-edukazzjoni, il-politiki proattivi tas-suq tax-xogħol u t-tiżni tat-trade unions huma suġġetti relatati mal-kummerċ li jaqgħu fl-ambitu tal-politika tal-gvernijiet nazzjonali.

Barra minn hekk, hemm lok ukoll għal titjib għall-Unjoni Ewropea. Il-ftehimiet kummerċjali ġusti u bilanċjati m'għandhomx ikunu biss l-istrumenti għall-ħolqien ta' tkabbir ekonomiku, impjegi deċenti u żvilupp sostenibbli iżda wkoll għat-titjib u l-ħarsien tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-ħajja tal-ħaddiema tul il-ktajjen ta' provvista globali. Sfortunatament, sal-lum il-ftehimiet kummerċjali tal-UE, speċjalment il-kapitoli dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli, m'għandhomx mekkaniżmi eżekutorji biex jiddefendu l-istandards tax-xogħol u dawk ambjentali. Ir-rieda politika hija meħtieġa biex jissaħħu l-kapitoli dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli u li jiġu inklużi sanzjonijiet bħala l-aħħar rimedju. Jekk l-UE trid li jkollha kompetenza esklużiva fuq il-kummerċ, hi għandha terfa' wkoll ir-responsabbiltà għall-bidliet u l-konsegwenzi li jirriżultaw mill-ftehimiet kummerċjali tagħha u għandha tbiddel l-approċċ tagħha lejn il-politika kummerċjali.

Huwa ta' importanza kbira li l-UE mhux biss tantiċipa l-effetti negattivi possibbli mill-ftehimiet kummerċjali, iżda tiżgura wkoll li l-benefiċċji jitqassmu b'mod ġust.

Il-Kummissjoni Ewropea rrikonoxxiet dan il-fatt u fl-2006 stabbiliet il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) biex tappoġġja lill-ħaddiema li tilfu l-impjieg tagħhom minħabba l-globalizzazzjoni, l-awtomatizzazzjoni u l-iżvilupp teknoloġiku sabiex dawn jerġgħu lura għax-xogħol. Minħabba l-kriżi ekonomika u finanzjarja, il-Kummissjoni wessgħet il-kamp ta' applikazzjoni biex tkopri wkoll lil dawk in-nies li ġarrbu ħsara mill-kriżi. Sa mill-eżistenza tiegħu, minkejja l-baġit relattivament żgħir u l-proċeduri kumplessi, il-FEG

ta riżultati tanġibbli għal kważi 142 300 ħaddiem madwar l-UE.

## **L-elementi ewlenin tar-rapport:**

### **Kamp ta' applikazzjoni, kriterji**

Madankollu, l-analiżi turi li l-FEG ma laħaqx il-potenzjal sħiħ tiegħu u sfortunatament għadu mhux uttilizzat biżżejjed. Għalhekk, ir-rapporteur tmur lil hinn mill-proposta tal-Kummissjoni li twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament. Dan għandu jsir aktar flessibbli biex jgħin ukoll lill-ħaddiema affettwati mill-kummerċ fl-UE u d-delokalizzazzjoni, lir-reġjuni li jbatu minn deterjorament ekonomiku gradwali u kumulattiv jew minn rata għolja ta' qgħad, u biex il-FEG ikun marbut b'mod aktar dirett ma' ċerti strumenti ta' politika kummerċjali, bħall-assistenza kummerċjali.

### **Proċeduri:**

Barra mill-kamp ta' applikazzjoni, ir-rapporteur taqbel mal-Kummissjoni li xi elementi proċedurali jeħtieġ li jitjiebu sabiex jitqassar iż-żmien tal-proċess tal-applikazzjoni u biex tiġi ssimplifikata l-proċedura. Ir-rapporteur tipproponi li tiġi stabbilita Helpdesk biex l-Istati Membri jiġu appoġġjati fl-applikazzjoni tagħhom kif ukoll biex tinġabar data aħjar u jittejjeb il-proċess ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni.

Peress li l-FEG għandu jgħin bħala strument fis-setturi kollha, joffri assistenza lill-ħaddiema spostati, l-atturi soċjali (il-partijiet ikkonċernati, l-NGOs, it-trade unions) għandu jkollhom rwol importanti u għandhom ikunu aktar involuti fil-funzjonament tal-FEG għal koordinazzjoni aħjar tal-proċess u koordinazzjoni akbar bejn l-istrumenti varji eżistenti tal-UE.

### **Konklużjoni:**

Il-rapporteur tipproponi numru ta' bidliet għall-proposta tal-Kummissjoni bħala l-punt tat-tluq għal aktar riflessjoni u modifikazzjonijiet li għandhom isiru tul il-proċess leġiżlattiv fil-Parlament.

## **EMENDI**

Il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

### **Emenda 1**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Premessa 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(2) Fis-17 ta' Novembru 2017, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali<sup>15</sup>

*Emenda*

(2) Fis-17 ta' Novembru 2017, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali<sup>15</sup>

ġie pproklamat b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni bħala rispons għall-isfidi soċjali fl-Ewropa. Filwaqt li jitqiesu r-realtajiet li qed jinbidlu **tad-dinja** tax-xogħol, jenħtieġ li l-Unjoni tkun lesta għall-isfidi **attwali** u futuri tal-globalizzazzjoni u tad-diġitalizzazzjoni, billi tagħmel **it-tkabbir** aktar inklużiv u billi ttejjeb il-politiki tal-impjeg u dawk soċjali. L-għoxrin prinċipju ewlieni tal-Pilastru huma strutturati fuq tliet kategoriji: opportunitajiet u aċċess indaqs għas-suq tax-xogħol; kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti; protezzjoni u inklużjoni soċjali. Jenħtieġ li l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jaġixxi bħala qafas gwida ġenerali tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG), li jippermetti lill-Unjoni tistabbilixxi l-prinċipji fil-prattika fil-każ ta' avvenimenti ta' ristrutturar kbar.

---

15

[https://ec.europa.eu/commission/priorities/deeper-and-fairer-economic-and-monetary-union/european-pillar-social-rights\\_mt](https://ec.europa.eu/commission/priorities/deeper-and-fairer-economic-and-monetary-union/european-pillar-social-rights_mt)

## Emenda 2

### Proposta għal regolament

#### Premessa 3

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(3) Fl-20 ta' Ġunju 2017, il-Kunsill approva t-tweġiba tal-Unjoni<sup>16</sup> għall-"Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-NU"<sup>17</sup> - futur Ewropew sostenibbli. Il-Kunsill enfasizza l-importanza tal-kisba tal-iżvilupp sostenibbli fit-tliet dimensjonijiet (ekonomika, soċjali u ambjentali), b'mod bilanċjat u integrat. Huwa essenzjali li l-iżvilupp sostenibbli jiġi integrat fil-qasam ta' politika tal-Unjoni, u li l-Unjoni tkun ambizzjuża fil-politiki li tuża biex tindirizza l-isfidi

ġie pproklamat b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni bħala rispons għall-isfidi soċjali fl-Ewropa. Filwaqt li jitqiesu r-realtajiet li qed jinbidlu **tas-soċjetajiet tagħna u d-dinja** tax-xogħol, jenħtieġ li l-Unjoni tkun lesta għall-isfidi **kurrenti** u futuri **tat-tibdil fil-klima**, tal-globalizzazzjoni u tad-diġitalizzazzjoni, billi tagħmel **l-iżvilupp** aktar inklużiv u billi ttejjeb il-politiki tal-impjeg u dawk soċjali. L-għoxrin prinċipju ewlieni tal-Pilastru huma strutturati fuq tliet kategoriji: opportunitajiet u aċċess indaqs għas-suq tax-xogħol; kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti; protezzjoni u inklużjoni soċjali. Jenħtieġ li l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jaġixxi bħala qafas gwida ġenerali tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG), li jippermetti lill-Unjoni tistabbilixxi l-prinċipji fil-prattika fil-każ ta' avvenimenti ta' ristrutturar kbar.

---

15

[https://ec.europa.eu/commission/priorities/deeper-and-fairer-economic-and-monetary-union/european-pillar-social-rights\\_mt](https://ec.europa.eu/commission/priorities/deeper-and-fairer-economic-and-monetary-union/european-pillar-social-rights_mt)

##### *Emenda*

(3) Fl-20 ta' Ġunju 2017, il-Kunsill approva t-tweġiba tal-Unjoni<sup>16</sup> għall-"Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-NU"<sup>17</sup> - futur Ewropew sostenibbli. Il-Kunsill enfasizza l-importanza tal-kisba tal-iżvilupp sostenibbli fit-tliet dimensjonijiet (ekonomika, soċjali u ambjentali), b'mod bilanċjat u integrat. Huwa essenzjali li l-iżvilupp sostenibbli jiġi integrat fil-qasam ta' politika tal-Unjoni, u li l-Unjoni tkun ambizzjuża fil-politiki li tuża biex tindirizza l-isfidi

globali. Il-Kunsill laqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Il-passi li jmiss għal ġejjieni Ewropew sostenibbli" tat-22 ta' Novembru 2016 bħala l-ewwel pass fl-integrazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u fl-applikazzjoni tal-iżvilupp sostenibbli bħala prinċipju gwida essenzjali għall-politiki kollha tal-Unjoni, inkluż permezz tal-istrumenti ta' finanzjament tagħha.

---

<sup>16</sup> <http://eu-un.europa.eu/eu-response-2030-agenda-sustainable-development-sustainable-european-future/>.

<sup>17</sup>

<https://sustainabledevelopment.un.org/post2015/transformingourworld>.

### Emenda 3

#### Proposta għal regolament

##### Premessa 4

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(4) Fi Frar 2018, il-Kummissjoni adottat il-Komunikazzjoni tagħha dwar "Qafas Finanzjarju Pluriennali ġdid u modern għal Unjoni Ewropea li tagħti riżultati fuq il-prijoritajiet tagħha b'mod effiċjenti wara l-2020"<sup>18</sup>. Il-Komunikazzjoni tenfasizza li jenħtieġ li l-baġit tal-Unjoni jappoġġa l-ekonomija soċjali tas-suq unika tal-Ewropa. Għalhekk, se jkun importanti ħafna li jitjiebu l-opportunitajiet ta' xogħol u li jiġu indirizzati l-isfidi tal-ħiliet, speċjalment dawk marbutin mad-diġitalizzazzjoni. Il-flessibilità baġitarja jenħtieġ li tkun

globali. ***Il-ftehimiet kummerċjali b'kapitoli b'saħħithom u infurzabbli dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli jistgħu jkunu strumenti għall-ksib ta' żvilupp sostenibbli, ħolqien ta' impjegi deċenti u tkabbir inklużiv, iżda wkoll għad-distribuzzjoni tal-benefiċċji tal-kummerċ b'mod aktar ġust fost ir-reġjuni, l-Istati Membri u fis-soċjetajiet.*** Il-Kunsill laqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Il-passi li jmiss għal ġejjieni Ewropew sostenibbli" tat-22 ta' Novembru 2016 bħala l-ewwel pass fl-integrazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u fl-applikazzjoni tal-iżvilupp sostenibbli bħala prinċipju gwida essenzjali għall-politiki kollha tal-Unjoni, inkluż permezz tal-istrumenti ta' finanzjament tagħha.

---

<sup>16</sup> <http://eu-un.europa.eu/eu-response-2030-agenda-sustainable-development-sustainable-european-future/>.

<sup>17</sup>

<https://sustainabledevelopment.un.org/post2015/transformingourworld>.

###### *Emenda*

(4) Fi Frar 2018, il-Kummissjoni adottat il-Komunikazzjoni tagħha dwar "Qafas Finanzjarju Pluriennali ġdid u modern għal Unjoni Ewropea li tagħti riżultati fuq il-prijoritajiet tagħha b'mod effiċjenti wara l-2020"<sup>18</sup>. Il-Komunikazzjoni tenfasizza li jenħtieġ li l-baġit tal-Unjoni jappoġġa l-ekonomija soċjali tas-suq unika tal-Ewropa. Għalhekk, se jkun importanti ħafna li jitjiebu l-opportunitajiet ta' xogħol u li jiġu indirizzati l-isfidi tal-ħiliet, speċjalment dawk marbutin mad-diġitalizzazzjoni, ***l-awtomatizzazzjoni, l-iżvilupp ta'***

prinċipju ewlieni fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss. Il-mekkaniżmi ta' flessibbiltà jenħtieġ li jibqgħu fis-seħħ sabiex jippermettu lill-Unjoni tirreaġixxi għal avvenimenti mhux previsti, u sabiex jiżguraw li r-riżorsi baġitarji jintużaw fejn ikun hemm l-aktar bżonn urġenti.

---

<sup>18</sup> <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1527774253584&uri=CELEX%3A52018DC0098>

#### Emenda 4

##### Proposta għal regolament Premessa 6

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(6) Fid-"Dokument ta' riflessjoni dwar l-immaniġġar tal-globalizzazzjoni"<sup>20</sup>, il-Kummissjoni tidentifika l-globalizzazzjoni relatata mal-kummerċ flimkien mal-bidla teknoloġika bħala l-ixprunaturi ewlenin għaż-żieda fid-domanda għal ħiliet speċjalizzati u għat-tnaqqis fin-numru ta' impjiegi li jeħtieġu livell aktar baxx ta' kwalifiki. Minkejja l-vantaġġi kbar ġenerali ta' kummerċ aktar miftuħ u aktar integrazzjoni tal-ekonomiji dinjija, dawn l-effetti negattivi jenħtieġ li jiġu indirizzati. Peress li l-benefiċċji attwali tal-globalizzazzjoni diġà mhumiex imqassma b'mod ugwali fost in-nies u r-reġjuni, li jikkawża impatt sinifikanti fuq dawk li huma affettwati ħażin, hemm il-periklu li l-avvanzi teknoloġiċi li qed jevolvu b'ritmu rapidu se jkomplu jħeġġu dawn l-effetti. Għalhekk, b'konformità mal-prinċipji ta' solidarjetà u ta' sostenibbiltà, se jkun **jenħtieġ** li jiġi żgurat li **l-benefiċċji** tal-globalizzazzjoni jiġu **kondiviżi** b'mod aktar

**teknoloġiji ġodda u t-tranżizzjoni lejn ekonomija li ma tagħmilx ħsara lill-klima u effiċjenti fir-riżorsi.** Il-flessibbiltà baġitarja jenħtieġ li tkun prinċipju ewlieni fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss. Il-mekkaniżmi ta' flessibbiltà jenħtieġ li jibqgħu fis-seħħ sabiex jippermettu lill-Unjoni tirreaġixxi għal avvenimenti mhux previsti, u sabiex jiżguraw li r-riżorsi baġitarji jintużaw fejn ikun hemm l-aktar bżonn urġenti.

---

<sup>18</sup> <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1527774253584&uri=CELEX%3A52018DC0098>

###### *Emenda*

(6) Fid-"Dokument ta' riflessjoni dwar l-immaniġġar tal-globalizzazzjoni"<sup>20</sup>, il-Kummissjoni tidentifika l-globalizzazzjoni relatata mal-kummerċ flimkien mal-bidla teknoloġika bħala l-ixprunaturi ewlenin għaż-żieda fid-domanda għal ħiliet speċjalizzati u għat-tnaqqis fin-numru ta' impjiegi li jeħtieġu livell aktar baxx ta' kwalifiki. Minkejja l-vantaġġi kbar ġenerali ta' kummerċ aktar miftuħ u aktar integrazzjoni tal-ekonomiji dinjija, dawn l-effetti negattivi jenħtieġ li jiġu indirizzati. Peress li l-benefiċċji attwali tal-globalizzazzjoni diġà mhumiex imqassma b'mod ugwali fost in-nies u r-reġjuni, li jikkawża impatt sinifikanti fuq dawk li huma affettwati ħażin, hemm il-periklu li l-avvanzi teknoloġiċi li qed jevolvu b'ritmu rapidu se jkomplu jħeġġu dawn l-effetti. Għalhekk, b'konformità mal-prinċipji ta' solidarjetà u ta' sostenibbiltà, se jkun **mehntieg** li jiġi żgurat li **l-effetti** tal-globalizzazzjoni jiġu **antiċipati aħjar, u li**

ġust billi l-ftuħ ekonomiku u l-avvanz teknoloġiku jiġu rrikonċiljati **mal-protezzjoni** soċjali.

20

[https://ec.europa.eu/commission/publications/reflection-paper-harnessing-globalisation\\_mt](https://ec.europa.eu/commission/publications/reflection-paper-harnessing-globalisation_mt).

## Emenda 5

### Proposta għal regolament Premessa 8

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(8) **Il-globalizzazzjoni** u l-bidla teknoloġika aktarx se jkomplu jżidu l-interkonnnettività u l-interdipendenza tal-ekonomiji tad-dinja. Ir-riallokazzjoni tax-xogħol hija parti integrali u inevitabli ta' tali bidla ekonomika. Jekk il-benefiċċji tal-bidla jitqassmu b'mod ġust, l-għoti ta' assistenza lil ħaddiema spostati u lil dawk mhedda bl-ispostament huwa ta' importanza kbira. Il-"Qafas tal-Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar"<sup>22</sup>, huwa l-istrument ta' politika tal-UE li jistabbilixxi l-qafas tal-aħjar prattiki biex jiġi antiċipat u indirizzat ir-ristrutturar korporattiv. Dan joffri qafas komprensiv dwar kif l-isfidi ta' aġġustament ekonomiku u ta' ristrutturar u l-impatt soċjali u l-impatt fuq l-impjeg tagħhom jenħtieġ li jiġu indirizzati b'mezzi ta' politika adegwati. Dan jistieden ukoll lill-Istati Membri jużaw finanzjament tal-UE u nazzjonali b'tali mod li jiżguraw li l-impatt soċjali tar-ristrutturar, speċjalment l-effetti negattivi fuq l-impjeg, ikunu jistgħu jittaffew b'mod aktar effettiv. L-istrumenti ewlenin tal-Unjoni li jassistu lill-ħaddiema affettwati huma l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), li huwa maħsub biex joffri

PE627.617v02-00

***l-benefiċċji potenzjali tagħha jkunu distribwiti*** b'mod aktar ġust billi l-ftuħ ekonomiku u l-avvanz teknoloġiku jiġu rrikonċiljati ***ma' protezzjoni*** soċjali ***b'saħħitha***.

20

[https://ec.europa.eu/commission/publications/reflection-paper-harnessing-globalisation\\_mt](https://ec.europa.eu/commission/publications/reflection-paper-harnessing-globalisation_mt).

#### *Emenda*

(8) ***It-tibdil fil-klima, il-globalizzazzjoni*** u l-bidla teknoloġika aktarx se jkomplu jżidu l-interkonnnettività u l-interdipendenza tal-ekonomiji tad-dinja. Ir-riallokazzjoni tax-xogħol hija parti integrali u inevitabli ta' tali bidla ekonomika. Jekk il-benefiċċji tal-bidla jitqassmu b'mod ġust, l-għoti ta' assistenza lil ħaddiema spostati u lil dawk mhedda bl-ispostament huwa ta' importanza kbira. Il-"Qafas tal-Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar"<sup>22</sup>, huwa l-istrument ta' politika tal-UE li jistabbilixxi l-qafas tal-aħjar prattiki biex jiġi antiċipat u indirizzat ir-ristrutturar korporattiv. Dan joffri qafas komprensiv dwar kif l-isfidi ta' aġġustament ekonomiku u ta' ristrutturar u l-impatt soċjali u l-impatt fuq l-impjeg tagħhom jenħtieġ li jiġu indirizzati b'mezzi ta' politika adegwati. Dan jistieden ukoll lill-Istati Membri jużaw finanzjament tal-UE u nazzjonali b'tali mod li jiżguraw li l-impatt soċjali tar-ristrutturar, speċjalment l-effetti negattivi fuq l-impjeg, ikunu jistgħu jittaffew b'mod aktar effettiv. L-istrumenti ewlenin tal-Unjoni li jassistu lill-ħaddiema affettwati huma l-Fond Soċjali Ewropew Plus

8/24

AD\1165588MT.docx



assistenza b'mod antiċipatorju, u l-FEG li huwa maħsub biex joffri assistenza fil-każ ta' avvenimenti ta' ristrutturar kbar **mhux mistennija** b'mod reattiv.

---

<sup>22</sup> KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI dwar Qafas tal-Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar, (COM(2013)882 final, 13.12.2013)

## Emenda 6

### Proposta għal regolament Premessa 8a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

(FSE+), li huwa maħsub biex joffri assistenza b'mod antiċipatorju, u l-FEG li huwa maħsub biex joffri assistenza fil-każ ta' avvenimenti ta' ristrutturar kbar b'mod reattiv.

---

<sup>22</sup> KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI dwar Qafas tal-Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar, (COM(2013)882 final, 13.12.2013)

*Emenda*

**(8a) Il-kooperazzjoni multilaterali ma' sħab globali tal-Unjoni, it-tisħiħ u r-riforma tal-istituzzjonijiet multilaterali huma essenzjali biex tagħmilhom aktar ġusti u aktar effikaċi. Il-FEG jenħtieġ li joffri assistenza lill-ħaddiema spostati fis-setturi kollha li jistgħu jiġu affettwati minn tali riformi, billi joffrilhom firxa wiesgħa ta' opportunitajiet ta' xogħol. Atturi soċjali bħall-NGOs u t-trade unions jenħtieġ li jkunu aktar involuti fil-funzjonament tal-FEG sabiex itejbu l-komunikazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-istrumenti varji tal-Unjoni.**

## Emenda 7

### Proposta għal regolament Premessa 8b (ġdida)

*(8b) L-Unjoni jenħtieġ li terġa' tistabilixxi politika industrijali ambizzjuża, ibbażata fuq analiżi prospettiva u permanenti ta' bidliet teknoloġiċi, inklużi l-effetti ta' kummerċ miftuħ. Is-sħubiji bejn l-Unjoni u r-reġjuni l-aktar vulnerabbli jenħtieġ li jipprevedu l-investimenti strateġiċi meħtieġa biex jiġu evitati konsegwenzi negattivi ta' trattati dwar il-kummerċ u l-investment u jenħtieġ li jiddefinixxu l-programmi li jeħtieġu kofinanzjament tal-UE. Għalhekk, hija meħtieġa integrazzjoni aħjar tal-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Soċjali eżistenti u l-finanzjament għalihom. Programmi bħal dawn jenħtieġ li jkunu deċentralizzati fil-livell NUTS u jenħtieġ li jinbnew bħala sħubija reali bejn l-Unjoni u r-reġjuni affettwati mill-politiki tagħha.*

## **Emenda 8**

### **Proposta għal regolament Premessa 8c (ġdida)**

*(8c) Il-kumpaniji Ewropej huma sħab ewlenin biex isawru l-globalizzazzjoni u jagħtu riżultati pożittivi għal kulħadd. Hemm ħafna eżempji pożittivi ta' kif jista' jkun hemm tkabbir sostenibbli għall-azzjonisti, l-impjegati u l-komunitajiet li fihom joperaw il-kumpaniji. Madankollu, il-kumpaniji jenħtieġ li jinżammu responsabbli meta ma jirrispettawx ir-responsabbiltajiet soċjali jew ambjentali tagħhom.*

## **Emenda 9**

### **Proposta għal regolament Premessa 9**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(9) **L-FEG** ġie stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>23</sup> għall-qafas finanzjarju pluriennali mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013. **L-FEG** ġie stabbilit biex jippermetti lill-Unjoni turi solidarjetà mal-ħaddiema li tilfu l-impjiegi tagħhom b'riżultat ta' bidliet strutturali kbar fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni.

---

<sup>23</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' aġġustament għall-globalizzazzjoni (ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1)

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament  
Premessa 11a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(9) **II-FEG** ġie stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>23</sup> għall-qafas finanzjarju pluriennali mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013. **II-FEG** ġie stabbilit biex jippermetti lill-Unjoni turi solidarjetà mal-ħaddiema li tilfu l-impjiegi tagħhom b'riżultat ta' bidliet strutturali kbar fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba ***l-ftuħ tas-suq u*** l-globalizzazzjoni.

---

<sup>23</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' aġġustament għall-globalizzazzjoni (ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1)

***(11a) Il-programm tal-FEG jenħtieġ li jkun viżibbli u jeħtieġ aktar data u ta' kwalità aħjar, sabiex tkun tista' ssir evalwazzjoni xjentifika xierqa tal-FEG u jiġu evitati limitazzjonijiet amministrattivi fit-tħaddim tal-programm għal assistenza għall-aġġustament tal-kummerċ.***

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament  
Premessa 11b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(11b) II-Kummissjoni jenħtieġ li***

*tiggarantixxi, qabel il-konklużjoni ta' ftehim kummerċjali ġdid, li titwettaq analiżi ex-ante indipendenti u preċiża tal-konsegwenzi tal-ftehim propost, inklużi l-bidliet fis-suq tax-xogħol, fuq bażi ta' settur b'settur u reġjun b'reġjun sabiex jiġu antiċipati l-effetti negattivi. L-identifikazzjoni ta' effetti negattivi potenzjali qabel il-konklużjoni ta' ftehim kummerċjali ġdid tista' wkoll tirkupra l-fiduċja taċ-ċittadini Ewropej fil-politika kummerċjali.*

## **Emenda 12**

### **Proposta għal regolament Premessa 11c (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(11c) Il-FEG jenħtieġ li jkun marbut b'mod aktar dirett ma' investimenti diretti barranin li jista' jkollhom impatt soċjali u ambjentali potenzjalment negattiv fl-Unjoni, iżda wkoll ma' ċerti politiki kummerċjali inġusti li ma jirċevux tweġibiet adegwati permezz ta' strumenti ta' difiża. Il-kumpaniji u l-ħaddiema tal-Unjoni affettwati jenħtieġ li jiġu kkunsidrati skont ir-regoli tal-FEG għall-politiki attivi tas-suq tax-xogħol.***

## **Emenda 13**

### **Proposta għal regolament Premessa 12**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(12) Il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni ta' nofs il-perjodu tal-FEG biex tivvaluta kif u kemm il-FEG jilħaq l-oġettivi tiegħu. Il-FEG wera li huwa effettiv, u jilħaq rata ta' riintegrazzjoni oġhla ta' ħaddiema spostati milli fil-perjodu ta' programmar preċedenti. L-evalwazzjoni

(12) Il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni ta' nofs il-perjodu tal-FEG biex tivvaluta kif u kemm il-FEG jilħaq l-oġettivi tiegħu. Il-FEG wera li huwa effettiv, u jilħaq rata ta' riintegrazzjoni oġhla ta' ħaddiema spostati milli fil-perjodu ta' programmar preċedenti. L-evalwazzjoni

sabet ukoll li l-FEG iġġenera valur miżjud Ewropew. Dan huwa partikolarment minnu fit-termini tal-effetti tal-volum tiegħu, li jfisser li l-assistenza mill-FEG mhux biss iżid in-numru u l-varjetà ta' servizzi offruti, iżda anki l-livell ta' intensità tagħhom. Barra minn hekk, interventi tal-FEG ikollhom viżibbiltà għolja u juru l-valur miżjud tal-UE tal-intervent direttament lill-pubbliku ġenerali. Madankollu, ġew identifikati diversi sfidi. Min-naħa l-waħda, il-proċedura tal-mobilizzazzjoni ġiet meqjusa bħala twila wisq. Barra minn hekk, ħafna Stati Membri rrapportaw problemi biex jiġbru l-analiżi estensiva tal-kuntest li fih seħħ l-avveniment li wassal għas-sensji. Ir-raġuni prinċipali li żżomm lill-Istati Membri li kieku kien ikollhom każ potenzjali tal-FEG milli japplikaw huma problemi finanzjarji u ta' kapaċità istituzzjonali. Minn banda, dan jista' jkun biss nuqqas ta' ħaddiema; bħalissa l-Istati Membri jistgħu jitolbu għal assistenza teknika biss jekk dawn jimplimentaw każ tal-FEG. Billi s-sensji jistgħu jseħħu bla mistenni, ikun importanti li l-Istati Membri jkunu lesti biex jirreaġixxu immedjatament u jkunu jistgħu jissottomettu applikazzjoni mingħajr ebda dewmien. Barra minn hekk, f'ċerti Stati Membri, jidher li jenħtieġu sforzi iktar pronfondi għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet istituzzjonali biex tiġi żgurata implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-każijiet tal-FEG. Il-limitu ta' 500 impjieg spostat kien ġie kkritikat bħala għoli wisq, speċjalment f'reġjuni inqas popolati<sup>26</sup>.

---

<sup>26</sup> COM (2018) 297 final u SWD (2018) 192 final li jakkumpanjah.

## **Emenda 14**

### **Proposta għal regolament Premessa 13**

sabet ukoll li l-FEG iġġenera valur miżjud Ewropew. Dan huwa partikolarment minnu fit-termini tal-effetti tal-volum tiegħu, li jfisser li l-assistenza mill-FEG mhux biss iżid in-numru u l-varjetà ta' servizzi offruti, iżda anki l-livell ta' intensità tagħhom. Barra minn hekk, interventi tal-FEG ikollhom viżibbiltà għolja u juru l-valur miżjud tal-UE tal-intervent direttament lill-pubbliku ġenerali. Madankollu, ġew identifikati diversi sfidi. Min-naħa l-waħda, il-proċedura tal-mobilizzazzjoni ġiet meqjusa bħala twila wisq, ***ikkumplikata wisq u ta' piż żejjed***. Barra minn hekk, ħafna Stati Membri rrapportaw problemi biex jiġbru l-analiżi estensiva tal-kuntest li fih seħħ l-avveniment li wassal għas-sensji. Ir-raġuni prinċipali li żżomm lill-Istati Membri li kieku kien ikollhom każ potenzjali tal-FEG milli japplikaw huma problemi finanzjarji u ta' kapaċità istituzzjonali. Minn banda, dan jista' jkun biss nuqqas ta' ħaddiema; bħalissa l-Istati Membri jistgħu jitolbu għal assistenza teknika biss jekk dawn jimplimentaw każ tal-FEG. Billi s-sensji jistgħu jseħħu bla mistenni, ikun importanti li l-Istati Membri jkunu lesti biex jirreaġixxu immedjatament u jkunu jistgħu jissottomettu applikazzjoni mingħajr ebda dewmien. Barra minn hekk, f'ċerti Stati Membri, jidher li jenħtieġu sforzi iktar pronfondi għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet istituzzjonali biex tiġi żgurata implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-każijiet tal-FEG. Il-limitu ta' 500 impjieg spostat kien ġie kkritikat bħala għoli wisq, speċjalment f'reġjuni inqas popolati<sup>26</sup>.

---

<sup>26</sup> COM (2018) 297 final u SWD (2018) 192 final li jakkumpanjah.

(13) Il-Kummissjoni tenfasizza l-importanza kontinwa tar-rwol tal-FEG bħala fond flessibbli li jappoġġa lill-ħaddiema li jutilfu l-impjiegi tagħhom f'avvenimenti ta' ristrutturar fuq skala kbira u li jgħin hom isibu impjeg ieħor malajr kemm jista' jkun. Jenħtieġ li l-Unjoni tkompli ttiprovdi, appoġġ speċifiku ta' darba biex tkun iffaċilitata r-riintegrazzjoni fid-dinja tax-xogħol tal-ħaddiema spostati f'oqsma, f'setturi, f'territorji jew fi swieq tax-xogħol li jkunu qed ibatu minn xokk ta' taqlib ekonomiku serju. Meta titqies l-interazzjoni u l-effetti reċiproċi tal-kummerċ miftuħ, tal-bidla teknoloġika jew fatturi oħra bħat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju, u għalhekk meta jitqies il-fatt li qed isir dejjem aktar diffiċli biex jiġi individwat fattur speċifiku li jikkawża l-ispostamenti tal-impjiegi, fil-futur jenħtieġ li l-mobilizzazzjoni tal-FEG tkun ibbażata biss fuq l-impatt sinifikanti ta' avveniment ta' ristrutturar. Fid-dawl tal-għan tiegħu, li huwa li jipprovdi appoġġ f'sitwazzjonijiet urġenti u f'ċirkostanzi mhux mistennija, filwaqt li jikkumplimenta assistenza iktar antiċipatorja offruta mill-FSE+, jenħtieġ li l-FEG jibqa' strument flessibbli u speċjali barra mil-limiti massimi baġitarji tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali, kif stabbilit fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni. "Baġit modern għal Unjoni li Tipproteġi, Tagħti s-Setgħa u Tiddefendi - Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027" u l-anness tiegħu<sup>27</sup>.

<sup>27</sup> SWD (2018) 171 final tal-Kummissjoni u l-anness tiegħu COM (2018) 321 final.

(13) Il-Kummissjoni tenfasizza l-importanza kontinwa tar-rwol tal-FEG bħala fond flessibbli li jappoġġa lill-ħaddiema li jutilfu l-impjiegi tagħhom f'avvenimenti ta' ristrutturar fuq skala kbira u li jgħin hom isibu impjeg ieħor malajr kemm jista' jkun. Jenħtieġ li l-Unjoni tkompli ttiprovdi, appoġġ speċifiku ta' darba biex tkun iffaċilitata r-riintegrazzjoni fid-dinja tax-xogħol tal-ħaddiema spostati f'oqsma, f'setturi, f'territorji jew fi swieq tax-xogħol li jkunu qed ibatu minn xokk ta' taqlib ekonomiku serju. Meta titqies l-interazzjoni u l-effetti reċiproċi tal-kummerċ miftuħ, tal-bidla teknoloġika, ***tad-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni*** jew fatturi oħra bħat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju, u għalhekk meta jitqies il-fatt li qed isir dejjem aktar diffiċli biex jiġi individwat fattur speċifiku li jikkawża l-ispostamenti tal-impjiegi, fil-futur jenħtieġ li l-mobilizzazzjoni tal-FEG tkun ibbażata biss fuq l-impatt sinifikanti ta' avveniment ta' ristrutturar. Fid-dawl tal-għan tiegħu, li huwa li jipprovdi appoġġ f'sitwazzjonijiet urġenti u f'ċirkostanzi mhux mistennija, filwaqt li jikkumplimenta assistenza iktar antiċipatorja offruta mill-FSE+, jenħtieġ li l-FEG jibqa' strument flessibbli u speċjali barra mil-limiti massimi baġitarji tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali, kif stabbilit fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni. "Baġit modern għal Unjoni li Tipproteġi, Tagħti s-Setgħa u Tiddefendi - Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027" u l-anness tiegħu<sup>27</sup>.

<sup>27</sup> SWD (2018) 171 final tal-Kummissjoni u l-anness tiegħu COM (2018) 321 final.

## Emenda 15

### Proposta għal regolament

#### Premessa 21

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(21) Jenħtieġ li l-Istati Membri jagħtu attenzjoni partikolari lill-benefiċjarji żvantaġġati, inklużi ż-żgħażaġh qiegħda u dawk li huma aktar kbar fl-età kif ukoll dawk li jinsabu friskju ta' faqar, meta jkunu qed ifasslu l-pakkett ikkoordinat ta' miżuri ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol, peress li dawk il-gruppi jesperjenzaw problemi partikolari biex jidħlu mill-ġdid fis-suq tax-xogħol. Minkejja dan, il-prinċipji tal-ugwaljanza bejn is-sessi u tan-nondiskriminazzjoni, li huma fost il-valuri ewlenin tal-Unjoni u li jinsabu minquxa fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, jenħtieġ li jiġu rrispettati u promossi meta jkun qed jiġi implimentat *I-FEG*.

## Emenda 16

### Proposta għal regolament

#### Premessa 21a (ġdida)

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

##### *Emenda*

(21) Jenħtieġ li l-Istati Membri jagħtu attenzjoni partikolari lill-benefiċjarji żvantaġġati, inklużi ż-żgħażaġh qiegħda u dawk li huma aktar kbar fl-età, ***persuni b'diżabbiltajiet*** kif ukoll dawk li jinsabu friskju ta' faqar, meta jkunu qed ifasslu l-pakkett ikkoordinat ta' miżuri ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol, peress li dawk il-gruppi jesperjenzaw problemi partikolari biex jidħlu mill-ġdid fis-suq tax-xogħol. Minkejja dan, il-prinċipji tal-ugwaljanza bejn is-sessi u tan-nondiskriminazzjoni, li huma fost il-valuri ewlenin tal-Unjoni u li jinsabu minquxa fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, jenħtieġ li jiġu rrispettati u promossi meta jkun qed jiġi implimentat *il-FEG*.

##### *Emenda*

***(21a) L-Unjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jagħtu attenzjoni partikolari lill-bidliet u l-isfidi li jseħħu fix-xejriet tal-kummerċ dinji, il-ktajjen ta' valur globali, l-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni u t-tibdil strutturali fl-istandards tax-xogħol. L-ekonomija soċjali tal-Unjoni hija pilastru essenzjali tal-mudell soċjali Ewropew u hija għodda importanti biex tingħata s-setgħa lin-nies sabiex jegħlbu l-effetti negattivi minħabba l-globalizzazzjoni u l-kriżijiet ekonomiċi. Għal din ir-raġuni, is-servizzi soċjali ta' interess ġenerali u s-servizzi pubbliċi jenħtieġ li jiġu esklużi mill-ftehimiet kummerċjali u d-dritt tar-regolamentazzjoni, l-organizzazzjoni u l-***

*forniment ta' servizzi pubbliċi jenħtieġ li jiġi ssalvagwardjat fil-ftehimiet kummerċjali. It-taħlita tal-globalizzazzjoni u l-innovazzjoni teknoloġika se teħtieġ li l-FEG jadatta r-regoli ta' assistenza tiegħu għal dawn l-istandards il-ġodda tal-kummerċ, tat-teknoloġija u tax-xogħol, u għalhekk huwa essenzjali li dan ir-Regolament ikun konformi ma' dawn l-isfidi wara l-2020.*

## **Emenda 17**

### **Proposta għal regolament Premessa 22**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(22) Biex il-benefiċjarji jiġu appoġġati b'mod effettiv u rapidu, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu hilitom kollha sabiex jissottomettu applikazzjonijiet kompluti għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG. F'każ li l-Kummissjoni titlob aktar informazzjoni għall-valutazzjoni ta' applikazzjoni, jenħtieġ li l-għoti tal-informazzjoni addizzjonali jkun limitat fiż-żmien.

*Emenda*

(22) Biex il-benefiċjarji jiġu appoġġati b'mod effettiv u rapidu, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu hilitom kollha sabiex jissottomettu applikazzjonijiet kompluti għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG. F'każ li l-Kummissjoni titlob aktar informazzjoni għall-valutazzjoni ta' applikazzjoni, jenħtieġ li l-għoti tal-informazzjoni addizzjonali jkun limitat fiż-żmien. ***Jenħtieġ li l-Kummissjoni ttipprovdi wkoll assistenza teknika lill-Istati Membri fl-istadji bikrija tal-proċedura.***

## **Emenda 18**

### **Proposta għal regolament Premessa 22a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

***(22a) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiffaċilita l-aċċess għall-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali permezz ta' helpdesk apposta li ttiprovdi informazzjoni u spjegazzjonijiet ġenerali dwar il-proċeduri u dwar kif għandha tiġi sottomessa applikazzjoni. Jenħtieġ li l-***



*helpdesk tagħmel disponibbli formoli standard għall-istatistika u analiżi ulterjuri.*

## Emenda 19

### Proposta għal regolament Premessa 25

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(25) Jenħtieġ li jiġu inklużi dispożizzjonijiet speċjali għal attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni fuq każijiet tal-FEG u r-riżultati tagħhom.

#### *Emenda*

(25) Jenħtieġ li jiġu inklużi dispożizzjonijiet speċjali għal attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni fuq każijiet tal-FEG u r-riżultati tagħhom ***peress li għarfien adegwat tal-proċedura ta' applikazzjoni jista' jtejjeb l-użu tal-FEG.***

## Emenda 20

### Proposta għal regolament Artikolu 1 – subparagrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Jistipula l-oġettivi tal-FEG, il-forom tal-finanzjament tal-Unjoni u r-regoli għall-għoti ta' tali finanzjament, inklużi l-applikazzjonijiet mill-Istati Membri għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FEG għal miżuri mmirati lejn il-benefiċjarji msemmija fl-Artikolu 7.

#### *Emenda*

Jistipula l-oġettivi tal-FEG, il-forom tal-finanzjament tal-Unjoni u r-regoli ***u l-kriterji*** għall-għoti ta' tali finanzjament, inklużi l-applikazzjonijiet mill-Istati Membri għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FEG għal miżuri mmirati lejn il-benefiċjarji msemmija fl-Artikolu 7.

## Emenda 21

### Proposta għal regolament Artikolu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

***L-FEG*** għandu jikkontribwixxi għal distribuzzjoni aħjar tal-benefiċċji tal-globalizzazzjoni u ***tal-avvanz teknoloġiku*** billi jgħin lill-ħaddiema spostati jadattaw għal bidla strutturali. Bħala tali, ***L-FEG***

#### *Emenda*

***Il-FEG*** għandu jikkontribwixxi ***għal tranżizzjoni ġusta għal ekonomija li ma tagħmilx ħsara lill-klima u effiċjenti fir-riżorsi***, għal distribuzzjoni aħjar ***u aktar ġusta*** tal-benefiċċji tal-globalizzazzjoni, u

għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-prinċipji ddefiniti skont il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u jsaħħaħ il-koeżjoni soċjali u ekonomika fost ir-reġjuni **u** l-Istati Membri.

**għall-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda** billi jgħin lill-ħaddiema spostati jadattaw għal bidla strutturali. Bħala tali, **il-FEG** għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-prinċipji ddefiniti skont il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u jsaħħaħ **l-ugwaljanza**, il-koeżjoni soċjali u ekonomika **u l-inklużjoni** fost ir-reġjuni, l-Istati Membri **u fis-soċjetajiet**.

## Emenda 22

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-objettiv speċifiku tal-FEG huwa li joffri assistenza f'avvenimenti ta' ristrutturar kbar **mhux mistennija**, partikolarment dawk ikkawżati minn sfidi relatati mal-globalizzazzjoni, bħal bidliet fix-xejriet kummerċjali dinjija, tilwim kummerċjali, kriżijiet finanzjarji jew ekonomiċi, it-tranżizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' karbonju, jew bħala konsegwenza tad-diġitalizzazzjoni jew tal-awtomatizzazzjoni. Għandu jkun hemm enfasi partikolari fuq miżuri li jgħinu lill-gruppi l-aktar żvantaġġati.

#### *Emenda*

2. L-objettiv speċifiku tal-FEG huwa li joffri assistenza f'avvenimenti ta' ristrutturar kbar, partikolarment dawk ikkawżati minn sfidi relatati mal-globalizzazzjoni, bħal bidliet fix-xejriet kummerċjali dinjija, **inkluż il-kummerċ fl-UE, il-ftuħ tas-swieq, l-effetti negattivi potenzjali li ġejjin mill-investment dirett barrani, id-delokalizzazzjoni, id-dumping**, tilwim kummerċjali, kriżijiet finanzjarji jew ekonomiċi, it-tranżizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' karbonju, jew bħala konsegwenza tad-diġitalizzazzjoni jew tal-awtomatizzazzjoni, **b'hekk jagħmlu aktar flessibbli u jissimplifika l-proċedura**. Għandu jkun hemm enfasi partikolari fuq miżuri li jgħinu lill-gruppi l-aktar żvantaġġati, **lill-SMEs u lill-istart-ups għall-finijiet ta' eliġibiltà**.

## Emenda 23

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Fi swieq tax-xogħol żgħar jew f'ċirkostanzi eċċezzjonali, b'mod partikolari

#### *Emenda*

3. Fi swieq tax-xogħol żgħar jew f'ċirkostanzi eċċezzjonali, b'mod partikolari

fir-rigward ta' applikazzjonijiet li jinvolvu l-SMEs, fejn tkun debitament motivata mill-Istat Membru applikant, applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dan l-Artikolu tista' tiġi kkunsidrata ammissibbli anke jekk il-kriterji stabbiliti fil-punti (a), (b) **jew** (c) tal-paragrafu 1 ma jiġux issodisfati kompletament, meta s-sensji jkollhom impatt serju fuq l-impjiegi u fuq l-ekonomija lokali jew reġjonali. L-Istat Membru applikant għandu jispeċifika liema mill-kriterji ta' intervent stabbiliti fil-punti (a), (b) **jew** (c) tal-paragrafu 1 mhumiex issodisfati bis-sħiħ. L-ammont aggregat tal-kontribuzzjonijiet f'ċirkostanzi eċċezzjonali ma jistax jaqbeż il-15 % tal-limitu massimu annwali tal-FEG.

fir-rigward ta' applikazzjonijiet li jinvolvu l-SMEs **u l-istart-ups**, fejn tkun debitament motivata mill-Istat Membru applikant, applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dan l-Artikolu tista' tiġi kkunsidrata ammissibbli anke jekk il-kriterji stabbiliti fil-punti (a), (b) tal-paragrafu 1 ma jiġux issodisfati kompletament, meta s-sensji jkollhom impatt serju fuq l-impjiegi u fuq l-ekonomija lokali jew reġjonali. L-Istat Membru applikant għandu jispeċifika liema mill-kriterji ta' intervent stabbiliti fil-punti (a) **u** (b) tal-paragrafu 1 mhumiex issodisfati bis-sħiħ. L-ammont aggregat tal-kontribuzzjonijiet f'ċirkostanzi eċċezzjonali ma jistax jaqbeż il-15 % tal-limitu massimu annwali tal-FEG.

## Emenda 24

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Id-disseminazzjoni tal-ħiliet meħtieġa fl-era industrijali diġitali **hija element orizzontali obbligatorju ta'** kwalunkwe pakkett ta' servizzi personalizzati offruti. Il-livell ta' taħriġ għandu jiġi adattat għall-kwalifiki u l-ħtiġijiet tal-benefiċjarju rispettiv.

##### *Emenda*

Id-disseminazzjoni tal-ħiliet meħtieġa fl-era industrijali diġitali **għandha tkun parti minn** kwalunkwe pakkett ta' servizzi personalizzati offruti. Il-livell ta' taħriġ għandu jiġi adattat għall-kwalifiki u l-ħtiġijiet tal-benefiċjarju rispettiv **u tas-suq tax-xogħol lokali.**

## Emenda 25

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 9 – paragrafu 3

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Fejn tali informazzjoni addizzjonali tkun rikjesta mill-Kummissjoni, l-Istat Membru għandu jwieġeb fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mid-data tat-talba. Din l-iskadenza għandha tiġi estiża mill-

##### *Emenda*

3. **Jekk mitlub mill-Istat Membru, il-Kummissjoni għandha ttipprovdihom assistenza teknika fl-istadji bikrija tal-proċedura.** Fejn tali informazzjoni addizzjonali tkun rikjesta mill-

Kummissjoni b'għaxart ijiem ta' xogħol, fuq talba debitament ġustifikata tal-Istat Membru kkonċernat.

Kummissjoni, l-Istat Membru għandu jwieġeb fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mid-data tat-talba. Din l-iskadenza għandha tiġi estiża mill-Kummissjoni b'għaxart ijiem ta' xogħol, fuq talba debitament ġustifikata tal-Istat Membru kkonċernat.

## Emenda 26

### Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. L-assistenza teknika tal-Kummissjoni għandha tinkludi l-għoti ta' informazzjoni u gwida għall-Istati Membri għall-użu, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-FEG. Il-Kummissjoni għandha ttipprovdi wkoll informazzjoni flimkien ma' gwida ċara dwar l-użu tal-FEG lis-sħab soċjali Ewropej u nazzjonali. Il-miżuri ta' gwida jistgħu jinkludu wkoll il-*ħolqien ta' task forces* f'każijiet ta' taqlib ekonomiku sever fi Stat Membru.

#### *Emenda*

4. L-assistenza teknika tal-Kummissjoni għandha tinkludi l-għoti ta' informazzjoni u gwida għall-Istati Membri għall-użu, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-FEG, ***inkluż il-*ħolqien ta' Helpdesk****. Il-Kummissjoni għandha ttipprovdi wkoll informazzjoni flimkien ma' gwida ċara dwar l-użu tal-FEG lis-sħab soċjali Ewropej u nazzjonali. Il-miżuri ta' gwida jistgħu jinkludu wkoll il-*ħolqien ta' task forces* f'każijiet ta' taqlib ekonomiku sever fi Stat Membru.

## Emenda 27

### Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-Kummissjoni għandha żżomm preżenza online u taġġornaha regolarment, li tkun aċċessibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, biex ttiprovdi informazzjoni aġġornata dwar ***l-FEG***, gwida dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet, kif ukoll informazzjoni dwar applikazzjonijiet aċċettati u miċħuda u dwar ir-rwol tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-proċedura baġitarja.

#### *Emenda*

2. Il-Kummissjoni għandha żżomm preżenza online u taġġornaha regolarment, li tkun aċċessibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, biex ttiprovdi informazzjoni aġġornata dwar ***il-FEG, il-kriterji dwar l-aċċess għalih***, gwida dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet, kif ukoll informazzjoni dwar applikazzjonijiet aċċettati u miċħuda u dwar ir-rwol tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-proċedura baġitarja.

## Emenda 28

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – parti introduttorja

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull materjal ta' komunikazzjoni u ta' viżibbiltà jkun disponibbli fuq talba għall-Istituzzjonijiet, il-korpi jew l-aġenziji tal-Unjoni, u l-Unjoni tingħata liċenzja mingħajr dritt dovut għall-użu ta' proprjetà, mhux esklussiva u irrevokabbli biex tuża dan il-materjal u kwalunkwe dritt preeżistenti marbut magħha. Il-liċenzja **tagħti** d-drittijiet li ġejjin lill-Unjoni:

##### *Emenda*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull materjal ta' komunikazzjoni u ta' viżibbiltà jkun disponibbli fuq talba għall-Istituzzjonijiet, il-korpi jew l-aġenziji tal-Unjoni ***bil-lingwi uffiċjali kollha***, u l-Unjoni tingħata liċenzja mingħajr dritt dovut għall-użu ta' proprjetà, mhux esklussiva u irrevokabbli biex tuża dan il-materjal u kwalunkwe dritt preeżistenti marbut magħha. Il-liċenzja **tagħti** d-drittijiet li ġejjin lill-Unjoni:

## Emenda 29

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 14 – paragrafu 2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Ir-rata ta' kofinanzjament tal-FEG għall-miżuri offruti għandha tkun allinjata mal-ogħla rata ta' kofinanzjament tal-FSE+ fl-Istat Membru rispettiv.

##### *Emenda*

2. Ir-rata ta' kofinanzjament tal-FEG għall-miżuri offruti għandha tkun allinjata mal-ogħla rata ta' kofinanzjament tal-FSE+ fl-Istat Membru rispettiv, ***filwaqt li jitqiesu l-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol attivi u sottożviluppati ta' xi Stati Membri.***

## Emenda 30

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 14 – paragrafu 3

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Fejn, abbażi tal-valutazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 9, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dan ir-Regolament ikunu ġew issodisfati, hija għandha tagħti bidu minnufih għall-proċedura spjegata fl-

##### *Emenda*

3. Fejn, abbażi tal-valutazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 9, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dan ir-Regolament ikunu ġew issodisfati, hija għandha tagħti bidu minnufih għall-proċedura spjegata fl-

Artikolu 16.

Artikolu 16 *u għandha tinnotifika lill-Istat Membru applikant.*

### Emenda 31

#### Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt e

*Test propost mill-Kummissjoni*

(e) jekk l-impriża li tat is-sensji, bl-eċċezzjoni tal-mikrointrapriżi u l-SMEs, kienet benefiċjarja ta' għajjnuna mill-Istat jew ta' finanzjament preċedenti mill-fondi ta' koeżjoni jew strutturali tal-Unjoni fil-ħames snin ta' qabel;

### Emenda 32

#### Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Kull erba' snin, fuq inizjattiva tagħha stess u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-FEG.

*Emenda*

(e) jekk l-impriża li tat is-sensji, bl-eċċezzjoni tal-mikrointrapriżi u l-SMEs *u l-istart-ups*, kienet benefiċjarja ta' għajjnuna mill-Istat jew ta' finanzjament preċedenti mill-fondi ta' koeżjoni jew strutturali tal-Unjoni fil-ħames snin ta' qabel;

*Emenda*

1. Kull erba' snin, fuq inizjattiva tagħha stess u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-FEG, *inkluża valutazzjoni tal-impatt sussegwenti tal-applikazzjoni tiegħu fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali.*

*Għall-fini tal-evalwazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri għandhom jiġbru d-data kollha disponibbli dwar il-każijiet tal-FEG u l-ħaddiema megħjuna.*

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Titolu</b>	Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG)
<b>Referenzi</b>	COM(2018)0380 – C8-0231/2018 – 2018/0202(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	EMPL 11.6.2018
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	INTA 11.6.2018
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Karoline Graswander-Hainz 29.8.2018
<b>Eżami fil-kumitat</b>	27.9.2018
<b>Data tal-adozzjoni</b>	11.10.2018
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 27 –: 10 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Laima Liucija Andrikenė, Maria Arena, Tiziana Beghin, Daniel Caspary, Salvatore Cicu, Christofer Fjellner, Eleonora Forenza, Karoline Graswander-Hainz, Christophe Hansen, Heidi Hautala, Yannick Jadot, France Jamet, Elsi Katainen, Jude Kirton-Darling, Danilo Oscar Lancini, Bernd Lange, David Martin, Anne-Marie Mineur, Franck Proust, Godelieve Quisthoudt-Rowohl, Inmaculada Rodríguez-Piñero Fernández, Tokia Saïfi, Helmut Scholz, Joachim Schuster, Adam Szejnfeld, William (The Earl of) Dartmouth, Jan Zahradil
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Goffredo Maria Bettini, Sander Loones, Fernando Ruas, Paul Rübig, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Beatriz Becerra Basterrechea, Czesław Hoc, Stanisław Ożóg, Jozo Radoš, Anders Sellström

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>27</b>	<b>+</b>
EFDD	Tiziana Beghin
ENF	France Jamet, Danilo Oscar Lancini
GUE/NGL	Eleonora Forenza, Anne-Marie Mineur, Helmut Scholz
PPE	Laima Liucija Andrikienė, Daniel Caspary, Salvatore Cicu, Christophe Hansen, Franck Proust, Godelieve Quisthoudt-Rowohl, Fernando Ruas, Paul Rübig, Tokia Saïfi, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Adam Szejnfeld
S&D	Maria Arena, Goffredo Maria Bettini, Karoline Graswander-Hainz, Jude Kirton-Darling, Bernd Lange, David Martin, Inmaculada Rodríguez-Piñero Fernández, Joachim Schuster
Verts/ALE	Heidi Hautala, Yannick Jadot

<b>10</b>	<b>-</b>
ALDE	Beatriz Becerra Basterrechea, Elsi Katainen, J. Radoš
ECR	C. Hoc, Sander Loones, S. Ożóg, Jan Zahradil
EFDD	William (The Earl of) Dartmouth
EPP	Christofer Fjellner, Anders Sellström

<b>0</b>	<b>0</b>
-	-

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni